MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 39/2004/1

Ivan **VELLA**

vs

**AVUKAT ĠENERALI**, Ministru tas-Saħħa u l-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Ottubru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li (a) il-Qorti ssib li ċ-ċaħda min-naħa tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Professjoni Medika (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord") li jagħrfu bħala *dental technician* u li jagħtih liċenza biex jaħdem f'dik il-

professjoni hija diskriminatorja bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”); (b) li l-Qorti ssib li l-artikolu 85 tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 28 tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta’ Malta huma minnhom infushom diskriminatorji fl-effett tagħhom fil-konfront tiegħu; (ċ) li l-Qorti ssib li, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu fir-rigward tar-rikorrent, il-Bord mexa b’mod diskriminatorju minn kif mexa ma’ ħaddieħor, kemm jekk Maltin oħrajn u kif ukoll barranin; u (d) li għalhekk il-Qorti tagħtih kull rimedju li jidhrilha xieraq, fosthom dak li l-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina (aktar ’il quddiem imsejjaħ “il-Kunsill”) li daħal minflok il-Bord jagħtih l-istess opportunita’ li ngħata ħaddieħor bħalu u li jiddaħħal bħala *dental technologist* reġistrat, minbarra li tillikwida d-danni li huwa ġarrab minħabba dak l-għamil diskriminatorju;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imtimat Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunita’ fl-10 ta’ Novembru, 2004, li biha laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrent billi, fl-ewwel lok, qal li r-rimedju li qiegħed jitlob ir-rikorrent kien dak ta’ stħarriġ ġudizzjarju maħsub fl-artikolu 469A tal-Kap 12, u għalhekk din il-Qorti jmissha tagħżel li tirrifjuta li teżerċita s-setgħa tagħha kostituzzjonali billi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li seta’ u messu ħa.  L-istess intimat qanqal ukoll eċċezzjoni oħra ta’ xejra proċedurali preliminari li biha jgħid li ma messux ġie mħarrek, għaliex huwa ma kien bl-ebda mod involut fil-proċedura li minnha jilminta r-rikorrent.  Fil-mertu, ċaħad li huwa wettaq xi għamil diskriminatorju bi ħsara għar-rikorrent;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati l-oħrajn fil-11 ta’ Novembru, 2004, li biha qalu li l-intimat Avukat Ġenerali m’huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent. Qalu wkoll li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma tismax il-każ għaliex ir-rikorrent kellu rimedji ordinarji li naqas li jieħu; għalhekk, l-azzjoni hija intempestiva, u l-Qorti jmissha tirrifjuta li twettaq is-setgħat tagħha kostituzzjonali billi l-azzjoni hija fiergħa u vessatorja.  Fil-mertu, laqgħu billi

qalu li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu billi l-Kunsill intimat mexa miegħu b'mod regolari u skond il-liġi u ma hemm lok għall-ebda danni favurih. Qalu li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tar-rikorrent bħala *dental technologist* ma taqa' taħt l-ebda waħda mir-raġunijiet maħsuba fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni, filwaqt li l-ilment dwar l-artikoli 85 tal-Kap 31 u l-artikolu 28 tal-Kap 464 huma mħarsin bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 45(5) tal-Kostituzzjoni, minbarra li l-artikolu 85 imsemmi llum il-ġurnata m'għadux jeżisti. F'kull każ, jgħidu li r-rikorrent irid juri kif l-imsemmija artikoli tal-liġi huma diskriminatorji fil-konfront tiegħu. Dwar l-ilmenti tar-rikorrent dwar ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt il-Konvenzjoni, laqgħu billi qalu li ma seħħ l-ebda ksur ta' xi wieħed minn dawk l-artikoli u li, f'kull każ, huwa ma jagħti l-ebda dettalji dwar il-persuni li huwa allega li kienu ttrattati aħjar minnu. Saħqu li l-Kunsill mexa fil-parametri tal-liġi u ma wettaq l-ebda diskriminazzjoni. Dwar ir-raba' talba, l-intimati qalu li din ma tistax tintlaqa' billi, fl-għoti tar-rimedji li tintalab tagħti, l-Qorti ma tistax tieħu r-rwol tal-Kunsill intimat u toħroġ hi r-reġistrazzjoni ta' *dental technologist* favur ir-rikorrent;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2005[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Ministru intimat, ċaħdet it-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati l-oħrajn, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u astjeniet milli tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Ministru intimat sakemm tisma' l-provi tal-każ fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2005[2], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tad-29 ta' Novembru, 2005, awtorizzatu li jressaq il-provi tiegħu bil-mezz tal-affidavit;

Rat ix-xhieda mressqa mir-rikorrent, magħduda l-provi dokumentali;

---

[1] Paġġ. 31 sa 45 tal-proċess
[2] Paġ. 48 tal-proċess

Semgħet ix-xhud imressqin mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ Mejju, 2007[3], li bih awtorizżat lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b’Noti miktuba;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Diċembru, 2007, li bih u fuq tagħrif mogħti lilha mill-għaref difensur tar-rikorrent, ordnat li l-partijiet iressqu Nota fl-atti tal-kawża biex jiddikjaraw jekk xi bdil li kien seħħ fiċ-ċirkostanzi dwar reġistrazzjoni ta’ professjonisti kienx se’ jolqot il-kwestjoni tar-rikorrent;

Rat il-verbali tas-smigħ bejn il-15 ta’ Ottubru, 2008, u l-21 ta’ April, 2009, li fihom il-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jilħqu arranġament barra l-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta’ April, 2009, fejn il-Qorti ngħatat tagħrif li l-partijiet ma kinux waslu f’arranġament;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta’ Diċembru, 2009[4], li bih ħassret *contrario imperio* d-degriet tagħha tas-16 ta’ Mejju, 2007, ladarba l-ebda waħda mill-partijiet ma kienet ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub, u ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir waqt smigħ quddiemha bil-fomm mill-avukati difensuri;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta’ April, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din l-azzjoni tirrigwarda ċaħda ta’ għarfien ta’ kwalifiki tar-rikorrent biex jingħata liċenza biex jaħdem fil-qasam

[3] Paġ. 128 tal-proċess
[4] Paġ. 149 tal-proċess

professjonali tiegħu. Ir-rikorrent jgħid li l-Bord[5] naqas li jagħraf il-kwalifiki tiegħu billi mexa miegħu b'mod differenti minn kif mexa ma' ħaddieħor u dan billi ma għarafx is-snin li hu ilu jippratika u jitħarreġ fil-professjoni tiegħu u billi talbu juri kwalifika mitluba mil-liġi[6] meta għal żmien twil ċertifikat bħal dan ma kienx qiegħed jinħareġ;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'sensiela ta' eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari u proċedurali u kif ukoll fil-mertu. Dwar il-mertu, jgħidu li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu billi l-Kunsill intimat mexa miegħu b'mod regolari u skond il-liġi u ma hemm lok għall-ebda danni favurih. Qalu li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tar-rikorrent bħala *dental technologist* ma taqa' taħt l-ebda waħda mir-raġunijiet maħsuba fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni, filwaqt li l-ilment dwar l-artikoli 85 tal-Kap 31 u l-artikolu 28 tal-Kap 464 huma mħarsin bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 45(5) tal-Kostituzzjoni, minbarra li l-artikolu 85 imsemmi llum il-ġurnata m'għadux jeżisti. F'kull każ, jgħidu li r-rikorrent irid juri kif l-imsemmija artikoli tal-liġi huma diskriminatorji fil-konfront tiegħu. Dwar l-ilmenti tar-rikorrent dwar ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt il-Konvenzjoni, laqgħu billi qalu li ma seħħ l-ebda ksur ta' xi wieħed minn dawk l-artikoli u li, f'kull każ, huwa ma jagħti l-ebda dettalji dwar il-persuni li huwa allega li kienu ttrattati aħjar minnu. Saħqu li l-Kunsill mexa fil-parametri tal-liġi u ma wettaq l-ebda diskriminazzjoni. Dwar ir-raba' talba, l-intimati qalu li din ma tistax tintlaqa' billi, fl-għoti tar-rimedji li tintalab tagħti, l-Qorti ma tistax tieħu r-rwol tal-Kunsill intimat u toħroġ hi r-reġistrazzjoni ta' *dental technologist* favur ir-rikorrent;

Illi wara s-sentenza preliminari tagħha li biha iddeċidiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, dak li l-Qorti jifdlilha tiddeċiedi b'din is-sentenza huwa l-mertu tal-każ u, jekk ikun il-każ, jekk il-Ministru intimat messux kien imħarrek f'din il-kawża bħala parti intimata;

[5] Bis-saħħa tal-art. 26 tal-Att XII tal-2003 (Kap 464), l-isem mogħti huwa "Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina"
[6] Dak iż-żmien l-art. 85 tal-Ordinanza XVII tal-1901 (kif mibdula) (Kap 31), Taqsima IX

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrent twieled fl-1966 u sa mill-1992 kien jagħmel xogħol li għandu x'jaqsam mat-teknoloġija tas-snien. Kien jaħdem taħt id-direzzjoni ta' ħaddieħor u mhux għal rasu u x-xogħol li jitqabbad jagħmel ma jlaqqgħux direttament ma' pazjenti ta' dentisti;

Illi billi l-Universita' f'Malta ma kinitx toffri kors għal studji fit-teknoloġija dentali, r-rikorrent kien segwa korsijiet barra minn Malta tul iż-żmien li dam jaħdem f'dan il-qasam, fosthom f'Liechtenstein lejn l-aħħar tal-2000 u f'Jannar tal-2003[7]. Sa minn qabel dan iż-żmien, f'Settembru tal-1999[8] ir-rikorrent ressaq talba mal-Bord biex jirreġistrah formalment bħala *dental technician* ħalli jkun jista' jarma għal rasu. Offra kampjun tax-xogħol tiegħu u wera li jkun dispost ukoll li joqgħod għal prova li l-Bord seta' deherlu li kellu joqgħod għaliha. Il-Bord ċaħad it-talba tar-rikorrent f'Jannar tal-2000[9];

Illi r-rikorrent qabbad avukat biex jitlob lill-Bord jibgħat jgħidlu liema dokumenti kienu meħtieġa biex it-talba tiegħu setgħet tkun kunsidrata. Il-Bord wieġeb fi Frar tal-2000[10] u bagħtlu l-lista ta' dokumenti li kien qiegħed jistenna li r-rikorrent jibgħatlu. L-avukat tar-rikorrent wieġbet b'ittra tas-17 ta' Marzu, 2000[11], b'għadd ta' mistoqsijiet dwar ir-raġuni għalfejn il-Bord talab l-imsemmija dokumenti. Ix-xahar ta' wara[12], kiteb ukoll lill-Ministru intimat, wara li s-Segretarju tal-Bord kien kiteb lill-Ministru biex jgħarrfu għaliex ma kienx qed jilqa' t-talba tar-rikorrent (minħabba li r-rikorrent ma tqiesx li kellu l-kwalifiki akkademiċi meħtieġa) u fejn kien issuġġerixxa lill-Ministru intimat li jqis jekk għandhomx jittieħdu passi kontra r-rikorrent talli kien qiegħed jaħdem bħala *dental technician* bla kwalifika[13]. B'ittra tat-22 ta' Mejju, 2000[14], il-Bord bagħat jgħarraf lir-rikorrent li ladarba kien naqas li jibgħatlu t-tagħrif dwar il-kwalifiki li kellu, ma kienx sejjer

[7] Dokti "A" u "B" f'paġġ. 54 – 5 tal-proċess
[8] Dok "Ċ1", f'paġ. 56 tal-proċess
[9] Dok f'paġ. 57 tal-proċess
[10] Dok "B5", f'paġġ. 60 – 1 tal-proċess
[11] Dok "B6", f'paġġ. 71 – 2 tal-proċess
[12] Dok "B7", f'paġġ. 73 – 4 tal-proċess
[13] Dok "B8", f'paġ. 75 tal-proċess
[14] Dok "B12", f'paġ. 80 tal-proċess

jirreġistrah bħala *dental technologist*. Il-bdil ta' korrispondenza bejn il-partijiet issokta għaddej fix-xhur ta' wara, iżda l-qagħda ma nbidlitx[15];

Illi r-rikorrent ressaq il-każ tiegħu quddiem l-Ombudsman, iżda l-ilment tiegħu ma ntlaqax;

Illi f'Ottubru tal-2004, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża. F'dik is-sena hu ngħata għarfien bħala *dental technician* minn Assoċjazzjoni fir-Renju Unit[16] u fis-snin ta' wara kien jinħariġlu ċertifikat ta' sħubija fl-imsemmija Assoċjazzjoni[17]. Filwaqt li f'Lulju tal-2008[18], il-General Dental Council tar-Renju Unit daħħal isem ir-rikorrent fir-reġistru tad-*Dental Care Profession* bħala *dental technician* taħt is-setgħat tad-Dentists Act tal-1984;

Illi biex tqis sewwa l-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> li jtella' l-ilment tar-rikorrent jeħtieġu li, qabel xejn, jitqiesu l-kwalitajiet tar-reġistrazzjoni li r-rikorrent jippretendi li jistħoqqlu. Dan irid isir għaliex huwa jsejjes l-azzjoni tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li jitkellem dwar "possedimenti", u mbagħad jorbotha mal-kwestjoni tad-diskriminazzjoni mġarrba. Ladarba l-azzjoni tiegħu hija mibnija b'dan il-mod, l-aspett tar-reġistrazzjoni bħala *dental technologist* u l-effetti "patrimonjali" li ġġib magħha jitolbu li l-Qorti tistħarreġ dan kollu qabel tgħaddi biex tistħarreġ, jekk ikun il-każ, l-ilmenti ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fihom infushom;

Illi **dwar jekk ir-rikorrent igawdix "possediment"** li jixraqlu l-ħarsien tat-tgawdija tiegħu mingħajr xkiel, l-għaref difensur tar-rikorrent issottomettiet li l-liċenza li l-klijent tagħha jippretendi li jingħata bir-reġistrazzjoni tiegħu bħala *dental technologist* tikkostitwixxi "possediment" għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Hija tistrieħ fuq it-tifsir ta' dik il-kelma mogħti mill-Qorti ta' Strasburgu u fuq il-fatt li, diġa' għal bosta snin qabel ressaq it-talba tiegħu, r-rikorrent

---

15 Dokti "B13" sa "B23" f'paġġ. 81 – 100 tal-proċess
16 Dok "D2", f'paġ. 102 tal-proċess
17 Dok "D1", f'paġ. 101 tal-proċess
18 Dok f'paġ. 135 tal-proċess

kien qiegħed jaqla' l-għajxien tiegħu mill-imsemmija ħidma. Min-naħa tal-intimati, l-għaref difensur tagħhom argumentat li biex wieħed jista' jitkellem dwar "possediment" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni jeħtieġ li l-persuna li tilminta minn ksur tal-imsemmi artikolu tkun diġa' fil-pussess ta' dak il-possediment: b'mod partikolari, żiedet tgħid, applikazzjoni waħedha għall-ħruġ ta' liċenza jew permess ma jnissilx stat ta' "possediment", minkejja li tkun qawwija l-aspettativa ta' tali talba, u sakemm talba bħal dik tintlaqa', ħadd ma jista' jitkellem dwar tgawdija ta' possediment;

Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjeta'. Kemm hu hekk "*the word 'possessions' ... indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest***"[19]. Kemm hu hekk, ingħad li "*Property or possessions for the purposes of attracting the protection of Art. 1 of Protocol No. 1 covers a wide range of interests. Possession has an autonomous meaning independent of formal classification in domestic law, although recognition of a proprietary interest by domestic courts is in practice highly relevant. It is not limited to ownership of physical goods: other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights. An interest in property, even if revocable in certain circumstances, can constitute a possession for the purposes of Art. 1 of Protocol No. 1*"[20];

Illi fil-qasam ta' eżerċizzju ta' professjoni, din it-tifsira wiesgħa tista' titqies li tgħodd ukoll, għalkemm jidher li fil-Qrati tagħna kien hemm fehma li, per eżempju, "*warrant*" biex wieħed jaħdem bħala avukat ma tqiesx li huwa

[19] Harris, O'Boyle & Warbrick *Law of the European Convention on Human Rights*, (1995), paġ. 517
[20] K. Reid *Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd. Edit, 2008), § IIB – 338, f'paġ. 502

"possediment" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni, u dan meta wieħed iqis it-tifsira ta' "beni" fil-liġi domestika Maltija taħt il-Kodiċi Ċivili[21];

Illi r-rikorrent jistieden lill-Qorti tqis li, fil-każ tiegħu, kien ilu bosta snin jaħdem bħala *dental technician* ma' għadd ta' laboratorji u kien kiseb esperjenza kbira f'dan il-qasam ta' xogħol b'mod li kiseb l-għarfien kemm ta' sidien ta' laboratorji u wkoll, bit-taħriġ li ħa, minn assoċjazzjoni barranija li għadditu b'imsieħeb tal-kategorija. L-għaref difensur tar-rikorrent xebbhet il-każ tiegħu ma' dak ta' professjonisti oħrajn li ressqu l-każ tagħhom quddiem il-Qorti ta' Strasbourg. Huwa minnu li dik il-Qorti sabet li t-trawwim ta' klijentela fl-eżerċizzju ta' professjoni kien jikkostitwixxi l-eżistenza ta' "possediment" għall-finijiet tal-artikolu tal-Konvenzjoni għaliex kien jissarraf f'jedd privat u l-ħolqien ta' assi. B'mod partikolari, l-fatt li ma ntlaqgħetx talba biex wieħed ikun reġistrat bħala "*certified accountant*" laqtet il-ħidma professjonali tiegħu, il-firxa ta' ħidma li sata' jibqa' jwettaq u d-dħul tiegħu minn dik il-ħidma[22]. Il-kwestjoni fil-każ tal-lum, iżda, hija jekk jistax jingħad li l-ħidma li kien jagħmel ir-rikorrent saż-żmien li ressaq it-talba tiegħu mal-Bord biex jirreġistrah bħala *dental technologist* kenitx tassew prattika professjonali kif tifhimha l-liġi u jekk il-każ tiegħu jistax, għalhekk, jitqabbel mal-każ li għadu kemm issemma (fejn l-applikanti kienu lkoll professjonisti kwalifikati);

Illi dan qiegħed jingħad għaliex, filwaqt li l-jedd li wieħed jaspira li jeżerċita professjoni jikkostitwixxi dritt ċivili għall-finijiet tal-Konvenzjoni (artikolu 6), ma jikkostitwix possediment għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jekk kemm-il darba l-ilment ikun imsejjes fuq l-aspettativa ta' qligħ jew dħul għall-ġejjieni[23];

Illi, b'żieda ma' dan kollu li ngħad, hawnhekk tqum il-kwestjoni tal-attwalita' tal-pussess. Il-Qrati tagħna kellhom okkażjoni jqisu dan il-fatt ukoll u stabilew li "*biex liċenzja titqies li hija possediment din trid tkun attwalment*

[21] P.A. (Kost) AJM **3.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs L-Avukat Ġenerali et*** (mhix pubblikata)
[22] Q.E.D.B. **26.6.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Von Marle et vs Olanda*** (Applik. Nru. 8543/79) §§ 41 – 2
[23] Q.E.D.B. **8.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Voggenreiter vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 47169/99) § 44

*ġiet maħruġa favur il-persuna li jkollha n-negozju in kwantu li huwa bil-ħruġ ta' din il-liċenzja li dik il-persuna tirrealiżża l-potenzjal li tgawdi l-proprjeta' tagħha b'ċertu mod u mhux b'mod ieħor. Hu rispaut ukoll, pero', li l-aspettativa waħedha li persuna tingħata l-liċenzja ma tistax titqies bħala possediment fiha nnifisha u li 'expectations do not have a degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions'"*[24];

Illi ma hemm l-ebda dubju li t-"teknoloġija dentali" hija waħda minn fost għadd ta' "Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina" magħrufa mil-liġi tagħna[25]. Huwa fatt ukoll li l-liġi – kemm dik li hemm fis-seħħ illum u kif ukoll dik li kienet isseħħ qabilha f'dan ir-rigward[26] – trid li ħadd m'għandu jeżerċita xi professjoni komplimentari għall-mediċina jekk kemm-il darba isem dik il-persuna ma jkunx imniżżel fir-reġistru rispettiv miżmum mill-Kunsill[27]. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li, sal-lum, isem ir-rikorrent ma huwiex imniżżel fir-reġistru tal-Kunsill bħala *dental technologist*, u kien sewwasew minħabba f'hekk li huwa ressaq it-talba tiegħu mal-Bord. Kienet dik it-talba u ċ-ċaħda tagħha mill-Kunsill intimat li wasslet għall-każ tal-lum. Dan ifisser ukoll li r-rikorrent m'huwiex professjonist magħruf mil-liġi, u l-ħidma tiegħu *de facto* f'dan il-qasam ma jnissilx stat ta' professjonist, iżda, għall-kuntrarju, setgħet tesponih għal proċedimenti penali. Ir-rikorrent għadu sal-lum jittama li jingħata għarfien ta' professjonist u li l-ħidma tiegħu tingħaraf bħala tali;

Illi wara li l-Qorti ħasbet sewwa fuq dawn iċ-ċirkostanzi u kejlithom mal-konsiderazzjonijiet ta' dritt li ssemmew aktar 'il fuq, issib li r-rikorrent ma seħħlux juri li huwa tassew igawdi possediment għall-fini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan għaliex kulma wera hu li għandu aspirazzjoni li jikseb l-għarfien professjonali li jemmen li jistħoqqlu. Il-Qorti kienet x'aktarx tasal għal konsiderazzjonijiet oħrajn li kieku kellu jirriżulta li r-

[24] Kost. **1.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Spiteri vs Avukat Ġenerali et***
[25] Skeda III tal-Kap 464 (Att XII tal-2003)
[26] Art. 85 tal-Kap 31 (Ord. XVII tal-1901, kif mibdula)
[27] Art. 25(1) tal-Kap 464

rikorrent kien, f'xi żmien, ingħata liċenza jew għarfien b'reġistrazzjoni, u din jew ma ġġeddidx jew itteħditlu[28];

Illi għalhekk, safejn l-ewwel talba tar-rikorrent trid li jinstab xi ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, il-Qorti ma ssibx li jirriżultaw l-elementi meħtieġa biex it-talba tiegħu tintlaqa';

Illi **dwar l-ilment ta' trattament diskriminatorju**, r-rikorrent jibni l-każ tiegħu kemm fuq il-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq il-Konvenzjoni. Il-Qorti sejra tqishom f'dik l-ordni;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent dwar diskriminazzjoni bi ksur tal-artikolu 45**, l-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[29]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd m'għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita' pubblika[30]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[31];

Illi llum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixxiebah magħha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk

---

[28] Ara, Q.E.D.B. **7.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Tre Trektorer Aktiebolag vs Svezja*** (Applik. Nru. 10873/84) §§ 53 – 4

[29] Art 45(1)

[30] Art. 45(2)

[31] Art. 45(3)

f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[32];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent qiegħed jallega li ġarrab diskriminazzjoni għaliex, wara li kien ilu sa mill-1992 jaħdem f'laboratorji bħala *dental technician*, il-liġi nbidlet b'mod li kienet titlob li huwa jkun reġistrat u b'mod li ntalab juri kwalifiki akkademiċi li, għal biċċa sewwa miż-żmien li kien ilu hekk jaħdem, ma kienx jista' jikseb għaliex l-Universita' f'Malta ma kenitx nediet il-korsijiet xierqa. Minbarra dan, huwa jżid jgħid li matul l-istess żmien ħaddieħor tħalla jkun reġistrat u kien trattat mod ieħor minnu minkejja li wkoll ma kellux il-kwalifiki akkademiċi mitlubin minnu. Huwa minħabba f'hekk li jisħaq li l-liġi (fl-artikolu 83 tal-Kap 31, sakemm dan l-artikolu kien għadu fis-seħħ, u fl-artikolu 28 tal-Kap 464, li daħal fis-seħħ minfloku ftit qabel ma nfetħet din il-kawża) iddiskriminat kontra tiegħu fit-tħaddim tagħha;

Illi f'dan ir-rigward, jidher li jkun xieraq li jingħad li biex jista' jingħad li seħħ ksur ta' jedd fundamentali dwar il-ħarsien mid-diskriminazzjoni taħt il-Kostituzzjoni, jrid jintwera li l-liġi partikolari jew it-tħaddim tagħha jew l-għamil ilmentat ikun jaqa' taħt xi waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Kif sewwa issottomettiet l-għaref difensur tal-Kunsill intimat u tal-intimat Avukat Ġenerali, ir-raġuni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dak il-jedd fundamentali trid tassattivament taqa' taħt waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dak is-subartikolu[33]. Fil-każ li għandna quddiemna, l-ebda waħda mill-kawżali msemmija fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni ma ssejjes l-ilment imressaq mir-rikorrent;

Illi dan ifisser li ladarba ma ntweriex li sar xi 'trattament diskriminatorju' taħt l-artikolu applikabbli tal-Kostituzzjoni, lanqas jista' jingħad li t-tħaddim tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 31 (sakemm dan tħassar) jew tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 464 – safejn jitolbu ż-żamma mill-Kunsill intimat ta' reġistri

---

[32] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**25.4.2005**)
[33] P.A. (Kost) VDG **15.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael A Henley vs Il-Prim Ministru et***

separati dwar xi waħda mill-professjonijiet kumplimentari għall-Mediċina jew safejn jitolbu li persuna trid tagħmel talba (applikazzjoni) biex isimha jiddaħħal f'xi reġistru bħal dak, jew safejn, biex tali talba tintlaqa', trid turi li għandha l-kwalifiki preskritti – huwa b'xi mod leżiv tal-jedd għall-ħarsien minn diskriminazzjoni taħt l-istess Kostituzzjoni;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma weriex li ġarrab l-ebda ksur ta' xi jedd tiegħu li ma ssirx diskriminazzjoni kontrih kif imħares taħt il-Kostituzzjoni, u dan għall-finijiet tal-ewwel u tat-tieni talbiet tiegħu;

Illi meta l-Qorti **tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi[34] u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[35]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[36];

Illi dan qiegħed jingħad għaliex ir-rikorrent espressament jibni l-ilment tiegħu (ara l-ħdax-il premessa tar-rikors promotur u l-ewwel talba fl-istess rikors tiegħu) fuq l-artikolu 14 marbut mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Issa għalkemm il-Qorti waslet għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, dan ma jfissirx li l-Qorti ma jmisshiex tgħaddi biex tistħarreġ l-ilment tiegħu

[34] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Huma Rights (4th Edit, 2006), f'paġ. 1050

[35] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.) § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.) § 177

[36] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit*, paġġ. 465 – 6

ta' aġir diskriminatorju taħt l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;

Illi kemm hu hekk huwa mgħallem li "*Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least some kind of relation with any of the rights and freedoms of the Convention; differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14. At the same time the case law referred to bears out that Article 14 is autonomous in the sense that its application does not require the simultaneous violation of one of the Convention's rights or freedoms*"[37]. Din ir-regola wkoll intużat f'każijiet li kienu jirrigwardaw allegata mġiba diskriminatorja kontra persuni li talbu li jingħataw għarfien ta' ħidma professjonali jew pubblika[38];

Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li filwaqt li mhux kull trattament differenti jew kull differenza tnissel każ ta' diskriminazzjoni, "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to*

---

[37] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op.cit.*, f'paġ. 1029

[38] Ara, per eżempju, Q.E.D.B. **6.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Thlimmenos vs Ġreċja*** (Applik. Nru. 34369/97) § 42, u Q.E.D.B. **27.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Sidabras & Dziautas vs Litwanja*** (Applik. Nru. 55480/00 et.) § 50

*observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[39];

Illi f'dan ir-rigward, jista' jingħad li l-imsemmi artikolu 14 "*safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory differences in treatment that have as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group of persons are distinguishable from each other*"[40]. B'hekk jitqies li dak l-artikolu "*aims to strike down the offensive singling out of an individual or members of a particular group on their personal attributes*"[41];

Illi mbagħad, jiżdied jingħad li "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma <u>placed in analogous situations</u>*"[42]. Il-prova tal-għamil diskriminatorju trid issir minn min jallega li miegħu tkun saret diskriminazzjoni;

Illi fil-każ li għandna quddiemna, r-rikorrent jilmenta li ġarrab trattament diskriminatorju min-naħa tal-Kunsill intimat billi dan (i) talbu jurih kwalifiki li ma speċifikalux x'riedu jkunu, (ii) li l-kwalifiki akkademiċi li ntalbu ma setax jiksibhom għaliex l-Universita' ta' Malta ma kenitx fetħet il-korsijiet għal żmien twil, (iii) li l-esperjenza tiegħu f'xogħol f'dan il-qasam, minkejja li magħrufa minn istituzzjonijiet barra minn Malta, ma kinitx stmata mill-Kunsill intimat, u (iv) li persuni oħrajn, minkejja li ma kellhomx il-kwalifiki li

---

[39] QEDB **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161
[40] Q.E.D.B. **6.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Thlimmenos vs Greċja*** (Applik. Nru. 34369/97) § 40 – 9
[41] K. Reid *op. cit.* § IIB – 079, f'paġ. 274
[42] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**)

ntalbu minnu mill-Kunsill intimat, xorta waħda ġew reġistrati bħala *dental technologists* mill-istess Kunsill;

Illi bħala fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża, b'żieda ma' dawk li ssemmew aktar qabel, ħareġ li l-kriterji ta' kwalifiki tnedew mill-Bord u l-Kunsill intimat mexa fuqhom wara li tenniethom il-liġi l-ġdida. Ħareġ ukoll li l-Assoċjazzjoni barranija li għarfet lir-rikorrent bħala membru tagħha – d-*Dental Technicians Association* tar-Renju Unit – ma tikkwalifikax għall-għarfien reċiproku ta' kwalifiki[43] mill-awtoritajiet kompetenti f'Malta[44]. Fuq medda ta' l-aħħar għaxar snin, l-Universita' ta' Malta offriet il-kors għal *dental technologists* darbtejn, fl-2001 u fl-2005[45]. Il-Kunsill intimat m'għandu l-ebda setgħa li jordna li jsir jew li jinbeda kors universitarju f'Malta għal xi waħda mill-professjonijiet li għandu s-setgħa li jirregola taħt il-Kap 464. Dik is-setgħa hija mogħtija mil-liġi lis-Senat tal-Universita'. Fl-2008, ir-rikorrent għażel li jitlob li jkun reġistrat bħala *dental technician* taħt il-*General Dental Council* tar-Renju Unit[46];

Illi, minn din il-ġabra ta' fatti, joħroġ li r-reġistrazzjoni ta' sħubija fid-DTA ma kinitx torbot awtomatikament lill-Kunsill intimat li jagħraf lir-rikorrent bħala professjonist, minkejja li dak l-għarfien kien jagħtih il-jedd li jaħdem bħala *dental technician* fir-Renju Unit. Minkejja dan, fiż-żmien li l-kawża kienet miexja, r-rikorrent xorta waħda deherlu li kellu jitlob li jaqleb dik ir-reġistrazzjoni ma' reġistrazzjoni taħt il-GDC, u għalhekk ma setax jibqa' jisħaq li l-Kunsill intimat jagħraf l-ewwel reġistrazzjoni. Joħroġ ukoll li, sa minn meta r-rikorrrent ressaq l-ewwel talba tiegħu mal-Bord għar-reġistrazzjoni, l-Universita' ta' Malta offriet żewġ korsijiet għal *dental technologist* u r-rikorrent għażel li ma jinkiteb fl-ebda wieħed minnhom. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ ċirkostanzi għandhom il-piż tagħhom biex wieħed jevalwa sewwa ċ-ċirkostanzi tat-trattament diskriminatorju li r-rikorrent jallega li ġarrab bi ħtija tal-intimati jew ta' min minnhom;

---

[43] Ara Skeda tal-Kap 451 (Att XVIII tal-2002) u Reg. 4 tal-A.L. 71/08 (L.S. 451.04)
[44] Xhieda ta' Gillian Mifsud 14.3.2006, f'paġġ. 115 – 6 tal-proċess
[45] Xhieda ta' Antoinette Micallef 14.11.2006, f'paġ. 121 tal-proċess
[46] Dok f'paġ. 135 tal-proċess

Illi fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jallega li l-Bord (awtur tal-Kunsill intimat) kien mexa miegħu b'mod differenti minn kif mexa ma' oħrajn, kemm Maltin u kif ukoll barranin. Huwa jgħid li lilu ma laqagħlux it-talba għar-reġistrazzjoni filwaqt li lil dawk laqgħlhom it-talba tagħhom u rreġistrahom bħala *dental technologists*. Mill-provi mressqa[47], joħroġ li bilkemm jista' jingħad li l-persuni msemmija – għajr għal wieħed – kienu tassew f'qagħda analoga bħar-rikorrent. Dawn kollha jidher li kellhom kwalifiki akkademiċi kif mitlub mil-liġi, filwaqt li dik il-persuna li ma kellhiex kwalifiki (u li, b'kumbinazzjoni hija l-persuna li r-rikorrent għamel żmien konsiderevoli jaħdem għaliha fil-laboratorju tagħha) għażlet li toqgħod għal eżami mniedi mill-Bord[48]. Minbarra dan, il-persuni barranin li talbu r-reġistrazzjoni hawn Malta, minkejja li kellhom il-kwalifiki akkademiċi, xorta ntalbu li joqogħdu (u qagħdu) għal eżami mniedi mill-Bord qabel ma ngħataw ir-reġistrazzjoni. Għalhekk, il-Qorti ma ntwerietx li r-rikorrent tassew ingħata trattament differenti mill-persuni li huwa nnifsu indika bħala benefiċjarji ta' trattament aħjar minnu, jew li dawk il-persuni kienu tassew fl-istess baħar tiegħu;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-istennija li t-talba għal reġistrazzjoni ta' persuna f'reġistru bħala professjonist kumplimentari għall-Mediċina tkun sostnuta bil-wiri ta' kwalifiki preskritti tirrifletti għan leġittimu tal-istat li jara li l-prattika medika u l-professjonijiet marbutin magħha jitwettqu b'ħarsien sħiħ ta' livelli kompetenti u ta' ħila fl-interess tas-saħħa pubblika. Dan jingħad ukoll b'żieda mal-fatt li l-wiri tal-kwalifiki minn applikant għar-reġistrazzjoni bħala professjonist kumplimentari għall-Mediċina huwa mitlub espressament mil-liġi (li wkoll hija l-kejl ta' "għan leġittimu"). Minbarra dan, huwa aċċettat ukoll li l-Istat għandu interess leġittimu li jirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol kemm fis-settur pubbliku u wkoll f'dak privat, u li l-Konvenzjoni ma tiggarantix bħala tali l-jedd ta' xi persuna għal xi ħidma fi professjoni partikolari. Ir-rikorrent ma jikkontestax dan il-fatt, iżda jgħid li fil-każ tiegħu, il-Kunsill intimat baqa' jirrifjuta ripetutament li jgħidlu liema kienu l-kwalifiki mistennija u meta u kif

[47] Dok "GM1", f'paġġ. 106 – 7 tal-proċess
[48] Xhieda ta' Gillian Mifsud 14.3.2006, f'paġ. 110 tal-proċess

iddaħħlu fis-seħħ. Din iċ-ċirkostanza, fil-fehma tal-Qorti, ma tissarrafx hekk waħedha f'għamil jew trattament diskriminatorju, għalkemm tista' twassal għal konsiderazzjonijiet oħrajn li m'humiex kompitu ta' din il-Qorti kif adita;

Illi lanqas ma jidher li t-talbiet magħmulin mill-Kunsill lir-rikorrent kienu sproporzjonati mal-għanijiet leġittimi fuq imsemmija. Fl-ewwel lok, il-Kunsill (u l-Bord ta' qablu) bħala ħlejqa ta' liġi speċjali, mhux biss hu mistenni li jaġixxi fil-parametri tal-istess liġi iżda huwa wkoll marbut li jħarisha f'dak kollu li jagħmel jew jordna. Fit-tieni lok, il-Qorti temmen li dak li r-rikorrent intalab juri jew jissottometti għalih biex ikun jista' jikseb ir-reġistrazzjoni bħala *dental technologist* ma jidhirx li huwa lil hinn mill-kapaċita' u l-mezzi tal-istess rikorrent li jilħaq. Lanqas ma jista' jingħad li, b'dak il-mod, kull ħila jew kwalifika oħra li r-rikorrent kiseb tul il-medda tas-snin fil-qasam partikolari sejra titwarrab bħallikieku ma tiswa xejn, għaliex ir-rekwiżit tal-kwalifika akkademika msemmi fil-liġi jitqies flimkien ma' ħiliet u kwalifiki oħrajn li l-applikant jista' juri li jħaddan[49]. Fit-tielet lok, il-fatt li persuna tintalab tissottometti għal mezzi ta' verifika bħala proċess regolatorju ta' professjoni partikolari – kemm jekk fis-sura ta' eżami, żmien ta' xogħol b'esperjenza, jew b'kull kejl ieħor raġonevoli li jgħin biex jevalwa s-sejħa jew vokazzjoni tal-applikant – ma tistax tissejjaħ bħala miżura sproporzjonata għar-raġuni biss li dik il-miżura ta' verifika ma kinitx mitluba sa minn dejjem. Donnu li r-rikorrent jistenna li ċ-ċertifikati li huwa għandu f'idejh u l-esperjenza ta' żmien twil fix-xogħol għandhom ikunu biżżejjed biex jeħilsuh milli joqgħod għal skrutinju ulterjuri miltub mill-Kunsill intimat, jagħtuh dritt awtomatiku għar-reġistrazzjoni professjonali u li, għalhekk, kull talba f'dan is-sens titqies bħala miżura sproporzjonata. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' atteġġament bħal dan, l-iżjed meta jirriżulta li l-kriterju tal-kwalifika ilu jintalab sa mill-1986, jiġifieri sa minn tal-anqas sitt snin qabel ma r-rikorrent beda jaħdem bħala *dental technician* dipendenti;

---

[49] Ara art. 28(3) tal-Kap 464

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li ma ntweriwet l-ebda ċirkostanza tajba biex twassal għall-fehma li seħħ xi ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 14 innifsu tal-Konvenzjoni taħt l-aspetti kollha tiegħu. Għalhekk, lanqas taħt il-profil tal-Konvenzjoni ma seħħlu r-rikorrent juri li huwa tassew ġarrab trattament diskriminatorju bi ksur tal-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;

Illi ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juri li l-ilmenti tiegħu huma mistħoqqa, ma huwiex il-każ li l-Qorti tistħarreġ **it-tieni eċċezzjoni tal-ministru intimat**, għaliex dan ikun biss eżerċizzju akkademiku li ma jibdel xejn mill-konklużjonijiet u l-effetti tas-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent** billi ssib li ma weriex li huwa ġarrab xi ksur tad-dritt kontra d-diskriminazzjoni kemm taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, jew li l-Kunsill intimat ġab ruħu b’mod diskriminatorju fil-konfront tal-istess rikorrent meta naqas li jirreġistra lill-istess rikorrent bħala *dental technologist* fir-reġistru relattiv tal-Professjoni Komplimentari għall-Mediċina skond l-Att XII tal-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa;

**Tastjeni milli tqis ir-raba’ talba** tar-rikorrent billi din tiddependi mit-talbiet ta’ qabilha;

**Tastjeni milli tqis it-tieni eċċezzjoni tal-Ministru intimat**;

**Tilqa’ l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-intimati; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, b’dan li l-intimati jridu jħallsu **l-ispejjeż marbuta mas-sentenza preliminari** tat-23 ta’ Ġunju, 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------